# Mons. Pawl Cremona O.P. Arċisqof Ġdid ta' Malta

Kien proprjament nhar il-Ġimgħa 26 ta' Jannar meta ġewwa l-Konkatidral ta' Malta, iddedikat lil San Ġwann Battista ġewwa l-Belt Valletta, saret il-Konsagrazzjoni ta' l-Arċisqof il-ġdid, l-Eċċellenza tiegħu Mons. Pawlu Cremona O.P. Kien nhar is-Sibt 3 ta' Diċembru għall-ħabta ta' nofs in-nhar meta tħabbret uffiċjalment din il-kariga wara digriet maħruġ mill-Papa Benedittu Sittax.

L-istennija ta' dan il-jum, jiġifieri dak tas-26 ta' Jannar, flimkien mal-preparamenti kif ukoll diversi laqgħat u attivitajiet li Mons. Cremona kellu fil-jiem ta' qabel urew biċ-ċar li ser ikun Arċisqof maħbub mill-poplu wara li wera tassew kemm hu qrib tal-poplu. Wieħed ma jistax ma jsemmix il-laqgħat li kellu kemm mal-kleru, komunitajiet eċċ. Iżda waħda mill-aktar sorprendenti tibqa' ż-żjara li Mons. Cremona għamel ġewwa Paceville li mbagħad komliet b'laqgħa fil-Parroċċa ta' San Ġiljan u wara ntemmet ġewwa l-*Millenium Chapel*.

Dakinhar ta' l-Ordinazzjoni, it-toroq tal-Belt Valletta nbidlu f'atmosfera ta' festa. Sa minn kmieni wara nofsinhar bosta nies ħonqu kull rokna minn fejn kien ħa jgħaddi l-Eċċellenza tiegħu. Żgur li kull min kien preżenti qamlu ġismu xewk xewk u anke kien hemm min qabżitlu anke xi demgħa għal dan l-avveniment hekk kbir u li ma tantx naraw bħalu. Il-merħba fil-Belt Valletta ingħatatlu hekk kif wasal fil-knisja tad-Dumnikani li tinsab fi Triq Merkanti, liema Knisja kien ġie mgħammed fiha. Huwa daħal għal mument ta' talb f'din il-Knisja. In-nies komplew jinġabru u jiżdiedu bi ħġarhom u r-rassa bdiet tinħass sew fil-bieb ta' l-istess Knisja. Huwa u ħiereġ mill-Knisja, in-nies infexxew f'għajta waħda ta' "Pawlu Pawlu", u hu, bit-tbissima ċelebri tiegħu, laqa' dan l-entużjażmu permezz tat-tixjira simbolika tiegħu. In-nies fit-triq laqgħuh bl-aħjar mod possibbli u ma kinux ftit dawk li tawh bukketti tal-fjuri bħala tifkira ta' dan il-mument hekk sabiħ.

L-ordinazzjoni episkopali tmexxiet mill-Arċisqof Ġużepp Mercieca flimkien man-Nunzju Appostoliku Mons. Felix del Blanco Prieto, u l-Isqof Awżiljarju ta' Tirana, Mons. Ġorġ Frendo, Dumnikan u kumpann mill-qrib ta' l-Arċisqof Cremona. Din saret fil-preżenza ta' l-ogħla dinjitarji Maltin, ħdax-il isqof, provinċjali, kappillani u numru kbir ta' saċerdoti, kif ukoll eluf ta' persuni fil-Konkatidral ta' San Ġwann u f'tined apposta li ttellgħu quddiem l-istess Konkatidral u fi Pjazza San Ġorġ. Fid-diskors-talba f'għeluq il-quddiesa ta' l-ordinazzjoni episkopali tiegħu, l-Arċisqof il-ġdid ta' Malta qal li xtaq jagħmel tiegħu wħud mill-proponimenti li kien għamel il-Beatu Papa Ġwanni XXIII fl-irtir tal-konsagrazzjoni episkopali tiegħu fl-1925. Wara Mons. Mercieca ħa l-opportunità biex wiegħed lill-Arċisqof il-ġdid tagħna biex bl-għajnuna ta' Alla jgħin lill-poplu jitħejja għat-triq tal-Mulej, kif jixhed l-istess motto li għażel Mons. Cremona għall-episkopat tiegħu.

Fi tmiem iċ-ċelebrazzjoni, l-Arċisqof il-ġdid sellem lill-poplu miġbur quddiem it-tined u fi Pjazza San Ġorġ.

## Min hu l-Arċisqof il-ġdid?

Kien nhar il-Ġimgħa 25 ta' Jannar 1946 li fil-Belt Valletta twieled Pawlu Cremona, bin Joseph u Josephine née Cauchi. It-tfulija ta' Pawlu kienet waħda normali, bejn l-iskola, il-kumpanija tal-ħbieb, il-katekiżmu fl-Istitut San Ġakbu u xi logħba *billiard*, futbol jew *waterpolo*.

Pawlu Cremona kien il-fustani fost tliet aħwa: ħuħ akbar minnu, u oħtu iżgħar. Huwa ħa l-edukazzjoni primarja tiegħu f'tal-*Montessuori* fil-Belt Valletta stess, u mbagħad l-edukazzjoni



sekondarja fil-Liċeo l-Ħamrun. Bħal kull żagħżugħ ieħor ta' tamparu, kien iħobb joħroġ ma' sħabu, ġuvintur u tfajliet. Biss huwa minn dejjem ħass iż-żerriegħa għall-vokazzjoni u minħabba dan qatt ma ħareġ ma' tfajla.

Daħal fl-Ordni Dumnikan f'Settembru ta' l-1962 u għamel il-Professjoni fl-istess Ordni nhar id-29 ta' Settembru 1963. Studja l-Filosofija u t-Teoloġija fil-Kulleġġ ta' San Tumas ta' Akwinu fil-Kunvent tad-Dumnikan fir-Rabat u ġie ordnat saċerdot nhar it-22 ta' Marzu 1969. Wara l-ordinazzjoni saċerdotali tiegħu ntbagħat jistudja t-Teoloġija Morali fl-Università Pontifiċja ta' San Tumas ta' Akwinu f'Ruma (*Angelicum*) minn fejn kiseb id-dottorat fl-1973 bit-teżi *The Concept of Peace in Pope John XXIII*.

Lura f'Malta huwa ħadem f'diversi oqsma pastorali f'diversi kunventi u knejjes ta' l-Ordni Dumnikan fosthom Provinċjal ta' l-istess Ordni fl-1981 għal tmien snin, Pirjol tal-Komunità Dumnikana tar-Rabat Malta fejn hemm il-Knisja ta' Sidtna Marija ta' l-Għar kif ukoll Kappillan ta' żewġ parroċċi, dawk ta' Gwardamangia u tan-Nażżarenu ta' tas-Sliema. Kien għamel xi snin ukoll responsabbli mill-formazzjoni ta' l-istudenti Dumnikani.

Matul il-ħajja saċerdotali tiegħu, l-Arċisqof kellu wkoll diversi uffiċċji oħrajn ta' l-Arċidjoċesi. Fost l-oħrajn kien Delegat ta' l-Arisqof għall-ħajja konsagrata kif ukoll Assistent Direttur Spiritwali fis-Seminarju tal-Virtù r-Rabat, membru fil-Kunsill Presbiterjali, kif ukoll President tal-Kunsill tas-Superjuri Maġġuri tar-Reliġjużi Maltin (KSMR). Patri Cremona, kull sena kien ikun mistieden biex jippriedka l-Eżerċizzji tar-Randan f'diversi parroċċi u knejjes madwar Malta kif ukoll kien imfittex ħafna għall-qrar u d-direzzjoni spiritwali minn ħafna reliġjużi u lajċi partikolarment minn bosta koppji miżżewġa.

Patri Pawl hu awtur ta' diversi kotba ta' natura teoloġika u spiritwali. Dawn jinkludu fost l-oħrajn it-teżi tad-dottorat tiegħu *The Concept of Peace in Pope John XXIII*. Kotba oħra tiegħu jinkludu pubblikazzjonijiet dwar il-Kredu u l-Kmandamenti, erba' kotba li kiteb ma' Patri Ġwann Frendo O.P, illum Isqof ta' l-Albanija; *Fil-mixja lejn is-sena 2000*, ieħor fuq il-Virtujiet, u wieħed fuq il-Knisja li jismu *Il-Knisja: Ikona tat-Trinità Qaddisa*.



## L-Arċisqof Pawl Cremona fil-Fgura

Nhar il-Ħadd 20 ta' Mejju, Jum is-Solennità ta' Tlugħ il-Mulej fis-sema (Lapsi), Mons. Cremona l-unità pastorali tagħna, li tinkludi l-parroċċi tal-Fgura, Ħaż-Żabbar u Wied il-Għajn, kellha x-xorti li tilqa' lir-ragħaj il-ġdid tal-Knisja f'Malta. Ġiet magħżula l-knisja Parrokkjali tagħna sabiex Mons. Arċisqof iċċelebra l-quddiesa tas-6.30pm flimkien mal-Komunità Karmelitana u l-presbiteri parrokkjali ta' Ħaż-Żabbar u Wied il-Għajn. Dakinhar kienet okkażjoni ferm sabiħa fejn ingħatat merħba kbira lill Mons. Arċisqof fil-knisja tagħna għall-ewwel darba.

Mons. Arċisqof ser jerġa' jkun il-Fgura nhar il-Ħamis 5 ta' Lulju fejn ser jikkonċelebra l-quddies tat-Tieni Jum tat-Tridu. Il-banda ser tagħtih ukoll tislima bid-daqq ta' l-Innu Pontifikali.


One Vision
DVD Rentals
DVD VIDEO

**DVD Players - Blank Media CDs / DVDs - DVD Movies - A/V Cables - Play Station Games - Movie Posters**

Triq Venewwa c/w Triq Merħba Fgura Mob: 7933 7120
www.freewebs.com/1visiondvd/

*Opening Hours: 09.30 - 12.00 / 16.30 - 17.15*